# L-ILSIERA FI ŻMIEN L-ORDNI F'MALTA (7)



JOSEPH SERRACINO



Sintendi l-ilsiera barra l-qdif kellhom xogħlijiet oħra fuq il-galera. Kif galera kienet tidħol lura fil-port, l-ilsiera kienu jiġu mqabbdin biex l-ewwel iżarmaw il-qlugħ, it-tined, l-imqadef u wara jnaddfu l-galera u jħottu l-armar kollu u jniżżlu l-art annimali, tjur u ħxejjex li jibqa' fuqha. Minn fuq il-galera, l-ilsiera kienu jittieħdu fil-banju, jiġifieri fil-ħabsijiet tagħhom.

Mad-daqq tal-Ave Marija, kull ilsir, furzat jew bonavolja ried ikun fil-ħabs, u miskin hu min ma kienx ikun hemm fil-ħin. Mat-tbexbix ta' kull għodwa, it-tisfira rqiqa tal-argużin kienet tqajjem lill-ilsiera kollha u kulħadd bla kliem xejn kien imur fuq xogħlu, liema xogħol kienu jkunu jafu bih minn jum qabel u jridu jerġgħu lura ma' nżul ix-xemx.

Sintendi fejn tidħol l-imġiba u d-dixxiplina tas-sidien rigward l-ilsiera tagħhom insibu diversi kitbiet. Hemm min isostni li l-ilsir Mislem f'art Nisranija kien ikun ittrattat ħafna aħjar minn ilsir Nisrani f'art Misilma. Jista' jkun li l-konklużjonijiet ta' dawn il-kittieba hija msaħħa b'esperjenzi ta' nies li kienu fil-jasar, iżda jien ma neħodhiex bi kbira li ħafna li minn dawn il-kittieba meta ġew biex jipparagunaw il-jasar ta' dawn l-imsejkna ma użawx l-istess kejl u dan aktarx li minħabba twemminhom, il-preġudizzju tagħhom f'dan ir-rigward kienu esaġerati.

Possibbli li s-sidien Misilmin kollha kienu kiefra u jaħqru lill-ilsiera tagħhom? Tifhmuniex ħażin! Mhemmx dubju li fejn jidħol il-jasar, f'kull forma tiegħu hemm tbatijiet kbar, kemm f'dak li hu xogħol manwali fejn dawn l-imsejknin kienu jaħdmu sigħat twal taħt għassa stretta u d-daqqiet tal-frosta, kif ukoll minħabba l-firda mill-għeżież tagħhom. Xi wħud huma tal-fehma li l-jasar taħt sidien Torok tant kienu jpinġuh ikrah u kiefer, u forsi kellhom raġun, li ħafna mis-suldati u l-baħrin tal-galeri kienu jippreferu li jmutu jissieltu milli jaqgħu lsiera taħthom. U hawnhekk jien nassumi li anke l-Misilmin kienu jippreferu l-mewt milli jaqgħu lsiera taħt il-kavallieri. Mela m'għandniex għalfejn nistagħġbu li dawn l-imsejknin kienu jagħmlu minn kollox biex jeħilsu mid-dwejjaq u t-tbatija tal-jasar!

Għedna li l-ilsiera Misilmin kienu ttrattati tajjeb f'Malta. Dan nistgħu nikkonfermawh għax fi żmien l-Ordni l-ilsiera mhux biss ma setgħux jiġu maħqurin b'xi mod, iżda kienu saħansitra jgawdu minn ċerta libertà u fil-ħin liberu tagħhom setgħu anke jbiegħu l-ilma u d-drappijiet fit-toroq jew jagħmlu xogħol ta' skrapan jew barbiera biex jaqilgħu xi ħaġa. Meta lsir kien jarma għal rasu jew jidħol jaħdem ma' xi ħadd huwa kien jitlef id-dritt tal-ħobża kuljum, u l-lbiesi li l-Ordni kien joħroġ għall-ilsiera li kellu miegħu kull sena.

## DIXXIPLINA FUQ IL-GALERI

Sintendi l-qagħda tal-ilsiera fuq il-galeri kienet differenti ħafna. Fuq il-galeri dejjem kien hemm il-biża' minn xi rvell mill-ilsiera, u għalhekk kien hemm għassa u dixxiplina stretta. Fuq kollox wieħed irid jirrealizza li aktar min-nofs in-nies li kien ikun hemm fuq il-galera kienu Torok ,u mal-ewwel opportunità li kienet tiġihom setgħu jqumu kontra l-kaptan, jieħdu l-galera f'idejhom u b'hekk jiksbu l-ħelsien tagħhom.

Għalkemm id-dixxiplina fuq il-galera kienet l-ordni tal-ġurnata u tinħass ħafna, b'danakollu, id-dixxiplina ma kinitx tfisser swat il-ħin kollu u għal kull ħaġa ta' xejn kif jimmaġinaw ħafna, iżda forma ta' dixxiplina li biha kulħadd ikun jaf sewwa x'hemm bżonn isir, u li l-ordnijiet jitwettqu minnufih u bla argumenti ta' xejn.

## TPATTIJA U ĦRUXIJIET MILL-KURSARI

Kull meta xi kursari ta' Barbarija kienu jinqabdu u jinqatlu mill-kavallieri waqt xi taqtigħa fuq il-baħar jew l-art, l-ilsiera Nsara li jkun hemm fil-ħabsijiet tagħhom kienu jeħlu magħhom. Jingħad li lill-Alġerini ma kien jgħaddihom ħadd biex jivvintaw metodi kif jikkastigaw lill-ilsiera Nsara. Is-swat bil-bastun jew il-piena Alġerina magħrufa bħala l-bastunatà kienet tfisser mija jew mitejn daqqa ta' bastun fuq iż-żaqq, il-kliewi u fuq wiċċ il-pali tas-saqajn.

Kull skuża kienet tajba biżżejjed biex l-Alġerini jaħqru lill-ilsiera Nsara. Il-qtugħ ta' mnieħer u widnejn, it-tiksir tal-ħalq, ħruq ta' vittmi, daqqiet bl-istropp tal-moqdief kienu xi ftit mill-kastigi għal dawk l-ilsiera li jeħudha kontra sidhom jew jippruvaw jaħirbu. Il-qtil ta' kriminal Tork kien jitħalla f'idejn ilsir Nisrani biex hekk ikun żgurat li l-ikkundannat imur il-ġenna għax ikun miet minn idejn Nisrani!

## ĦRIB TAL-ILSIERA

Sal-1602 l-ilsiera setgħu jaqsmu mill-Birgu għall-Belt bid-dgħajsa liberalment, iżda meta nqabdu xi lsiera li ppruvaw jaħirbu, il-qsim mill-Birgu għall-Belt mill-ilsiera beda jsir taħt għassa stretta. Kien minħabba dawn l-attentati li l-qxur kollha tal-baħar, mal-Ave Marija, kienu ordnati li jorbtuhom l-Menqa ta' Bormla u jmorru għalihom l-għada mas-sebħ. Matul il-lejl kien ikun hemm għassa stretta fuqhom u iblah hu min kien jipprova jabbuża.

## TBATIJIET TAL-ILSIERA FUQ IL-GALERI

Biex wieħed ikollu ħjiel tat-tbatijiet kbar li kienu jsofru l-ilsiera fuq il-galeri wieħed irid jiftakar li dawn l-ilsiera kollha, madwar 250 qaddief, barra li kienu jintrabtu mal-bank tal-qdif matul il-vjaġġ kollu li ġieli ħa ġimgħat sħaħ fuq il-baħar kienu jorqdu fuq l-istess bank bla ma jistgħu jiċċaqilqu minn posthom. Barra hekk, għalkemm il-kotra tagħhom kienu jkunu Torok, kien hemm diversi furzati magħhom, ħafna minnhom Taljani, Sqallin u Franċiżi u għalhekk lanqas biss setgħu jitkellmu magħhom.

Apparti d-dixxiplina stretta tal-argużin waqt il-qdif, kull meta l-galera kienet tiltaqa' ma' xi xini Torka u tingħata l-ordni biex jattakkawha, dawn kienu jibqgħu marbutin mal-bank imwerwrin li minn ħin għall-ieħor setgħu jegħrqu. L-ordnijiet waqt il-qdif kienu jingħataw b'tisfira ta' suffara mill-komidu, u skond it-tisfira jinbidel ir-ritmu tal-qdif. Fil-fatt, il-komidu, wara struzzjonijiet mill-kaptan kien jordna l-mod ta' qdif li jkun meħtieġ u l-argużin u l-assistenti tiegħu, kienu l-ħin kollu jużaw il-frosta biex jiżguraw li l-ilsiera jsegwu l-ordnijiet kollha.

Ħajjet l-ilsir fuq il-galera kienet iebsa u ta' moħqrija kbira. L-ilsir fuq galera ma seta' qatt jittama li jinħeles mill-moqdief, lanqas jekk fuq il-baħar jiltaqgħu ma' xi xini Torka għax f'kull taqtigħa kien hemm ir-riskju ta' għarqa. Min jaf x'biża' tremenda u qtigħ-il qalb kienu jaħkmu lill-ilsiera, immanettjati minn idejhom mal-moqdief tagħhom u b'saqajhom marbutin b'katina mal-bank. Imbagħad x'martirju kienu jgħaddu minnu waqt it-taqbid! X'effett tal-biża' u x'impatt qalil kien jagħmel fuqhom l-anadament tal-ġlied. Jingħad li huma lanqas biss setgħu jċaqilqu saqajhom! Din kienet id-dixxiplina riġida u ta' tbatija kbira li l-ilsiera kollha riedu jobdu fuq il-galeri.

Joseph Muscat jgħidilna li f'każ ta' taqbid mal-għadu, il-ġeneral tal-galeri kien jgħaddi sinjal lill-kaptani tal-galeri biex iħejju ruħu u jorbtu lill-ilsiera tajjeb mal-bankijiet tagħhom. Qabel kull attakk kien meħtieġ skiet perfett u miskin hu dak il-qaddief li kien iħarrek siequ x-xellugija u jagħmel xi ħsejjes ta' ħadid ma' ħadid.

L-ilsiera l-oħrajn li kienu jservu bħala qaddejja tal-kaptan u tal-kavalieri kienu jorbtuhom b'katina qabel jibda l-ġlied. L-ordnijiet tal-galeri kienu ħorox wisq, u f'kull taqtigħa mal-għadu, il-qaddiefa kollha kellhom jinżlu kokka u jżommu rashom taħt il-bank tal-qdif. B'din il-qagħda, barra li kienet tħares il-ħajja tagħhom kienet isservi wkoll biex l-ilsir ma jkunx jista' jara x'inhu jiġri sew u jgħarraf lil sħabu.

Mat-tifsira tal-komitu, l-ilsiera kienu jiġu mġiegħla jdaħħlu f'ħalqhom tapp tas-sufra jew tal-injam daqs lanġasa żgħira li jkun dejjem imdendel m'għonqhom biex ma jkunux jistgħu jitkellmu. Min jista' jifhem jew jimmaġina x'taqtigħ tal-qalb kien jaqbadhom meta kienu jisimgħu l-ordnijiet tal-kmandant, waħda wara l-oħra, il-ġiri u l-għajjat sfrenat tas-suldati, it-tifqigħ tal-kanuni, sparar tal-azzarini u l-krib u l-biki tal-feruti?

*Tkompli l-ġimgħa d-dieħla*